MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 2234/2004

**Talba Nru: 2234/04PBC**

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Charles Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u tmintax-il lira Maltin u zewg centezmi (Lm318.02c) rapprezentanti bilanc ta’

prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 8356 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur minn Jannar 2004 sa April 2004.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u tmintax-il lira Maltin u zewg centezmi (Lm318.02c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------